BORMLA
Città Cospicua

**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 1**

**IL-ĦAMIS 4 T'APRIL, 2013**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar Il-Ħamis 4 t'April, 2013, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Seba' Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Alison Zerafa Civell, **il-Viċi Sindku** Ivan Agius u **l-Kunsilliera** Noyah Spiteri, Pablo Cachia Belli, James Cauchi, Alfred Attard u Roderick Mamo.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Joseph Caruana.

Membri tal-Pubbliku: 4

**AGENDA**

1. Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku
2. Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi Sindku
3. Formazzjoni ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati
4. Mozzjonijiet
5. Aġġornament

<u>Iċ-Chairman ta l-ewwel seduta</u>

Il-kunsillier Alfred Attard, bħala l-aktar membru anzjan fost il-membri tal-kunsill preżenti, ppresiedja s-seduta.

**TALBA**

**Iċ-Chairman is-Sur Alfred Attard** qal it-talba.

**01/01** **<u>Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku</u>**

Iċ-Chairman Alfred Attard qara r-riferenza għall-artiklu 25(1) ta' l-Att li skont dan l-artiklu is-Sinjura Alison Zerafa Civelli għandha tkun is-Sindku. Għalhekk talab lis-Sinjura Alison Zerafa Civelli tikkonferma l-aċċettazzjoni ta' din il-kariga.

Il-Kunsilliera Alison Zerafa Civelli qrat u ffirmat id-Dikjarazzjoni ta' Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku u kienet iddikkjaratha Sindku ta' Bormla.

Is-Sindku Alison Zerafa Civelli ħadet postha bħala s-Sindku tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Bormla u rringrazzjat lill-membri kollha preżenti.

01/02 **Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Viċi-Sindku**

Is-Sindku Alison Zerafa Civelli qrat r-riferenza għall-artiklu 25(2) ta' l-Att li skont dan l-artiklu is-Sur Ivan Agius għandu jkun il-Viċi Sindku. Għalhekk kien mitlub li jikkonferma l-aċċettazzjoni ta' din il-kariga.

Il-Kunsillier Ivan Agius qara u ffirma id-Dikjarazzjoni ta' Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Viċi-Sindku u kien iddikkjarat il-Viċi Sindku ta' Bormla.

Il-Viċi Sindku Ivan Agius irringrazzja lill-kunsilliera kollha preżenti.

01/03 **Formazzjoni ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

Is-Sindku qrat id-dekasteri u r-rwolijiet tal-Kunsilliera kollha.

Dekasteri u Rwolijiet:

| | |
|---|---|
| Alison Zerafa Civelli | Edukazzjoni, EU Affairs, Infrastruttura u PR. |
| Ivan Agius | Ordni Pubblika, Ħarsien tal-Ambjent u Immaniġġjar tat-Traffiku. |
| Noyah Spiteri | Investiment, Ħwienet u Kummerċ. |
| Pablo Cachia Belli | Sports, Relazzjonijiet Internazzjonali u Turiżmu. |
| James Cauchi | Drittijiet tal-Annimali u Persuni b'Diżabbilita' |
| Alfred Attard | Saħħa u Anzjani |
| Roderick Mamo | Żgħazagħ, Kultura u Għaqdiet. |

**Responsabiltajiet:**

Sindku - Alison Zerafa Civelli

Tkun responsabbli ukoll mill-ilmenti, il-paġna tal-facebook u *liaison* ma' Ministeri, Dipartimenti u Awtoritajiet Governattivi.

Viċi Sindku Ivan Agius/James Cauchi

Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier James Cauchi ikunu responsabbli wkoll mill-kordinament bejn il-Kunsilliera.

Alfred Attard

Ikun responsabbli mill-pubblikazzjoni tal-Kunsill Lokali.

*Qed niproponi li l-Kunsill jordna zewg gradilji ġodda għal spralli ta' l-ilma tax-xita li hemm miksura quddiem Blk 8, House 1, Triq il-Gendus, Bormla u quddiem Blk 7, Ronvin, Triq Carmelo Mifsud Bonnici, Bormla.*

Mozzjoni: Is-Sindku Alison Zerafa Civelli
Sekondant: Il-Viċi Sindku Ivan Agius

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni.

01/04/03 Mozzjoni nru 03/2013 (VII)

*Qed nipproponi li l-Kunsill jordna x-xogħol ta' żbir ta' siġar fi Triq il-Mitħna u Kwartieri San Nikola.*

Mozzjoni: Is-Sindku Alison Zerafa Civelli
Sekondant: Il-Viċi Sindku Ivan Agius

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni.

Qabel l-aġġornament il-kunsill unanimament approva li joħroġ *no objection* letter lill-Malta Tourism Authority biex isir ħruq ta' nar fil-port fit-30 t'April, 2013.

01/05 Aġġornament

Fit-8.30pm il-Kunsill aġġorna għal 25 t'April, 2013 fis-6.30 pm.

Alison Zerafa Civelli
Sindku

Joseph Caruana
Segretarju Eżekuttiv

Blk A, No. 12, Flt 2

Triq il-Pellegrinagg

Bormla

1 ta April, 2013

Is-Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali ta' Bormla

Lis-Segretarju Eżekuttiv,

**AĊĊETTAZZJONI TAL-KARIGA**

Jiena, Ivan Agius, (Karta ta' Identità Numru 332673M) li noqgħod fi Blk A, No. 12, Flat 2, Triq il-Pellegrinagg, Bormla, permezz ta' din l-ittra qiegħed nikkonferma li qed naċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Bormla.

Dejjem tiegħek,

RECEIVED
04 APR 2013
Reg: 05/0955/13/1
CONFIRMED SEEN
MAYOR:
EXEC. SEC.:
OTHER:

Ivan Agius : Viċi Sindku ........I. Agius........

Lilton, Plot 5,
Sur Santa Liena
Bormla

1 ta April, 2013

Is-Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali ta' Bormla

Lis-Segretarju Eżekuttiv,

**AĊĊETTAZZJONI TAL-KARIGA**

Jiena, Alison Zerafa Civelli, (Karta ta' Identità Numru 0454577M) li noqgħod fi Lilton, Plot 5, Sur Santa Liena, Bormla, permezz ta' din l-ittra qegħda nikkonferma li qed naċċetta l-kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Bormla.

Dejjem tiegħek,

Alison Zerafa Civelli : Sindku ..............................................

RECEIVED
04 APR 2013
Reg: 05/0954/13/1
CONFIRMED SEEN
MAYOR:
EXEC. SEC.:
OTHER:

Kunsill Lokal Bormla Nru. 7

Seduta tal-Kunsill Nru. 1 (4 ta' April, 2013)

**Mozzjoni Nru. 01-2013 (VII)**

Fuq talba uffiċjali li saret lill-Kunsill Lokali mill-Gvern Ċentrali qegħda nipproponi li l-Perit William Lewis ikun inkarigat mit-tmexxija tal-proġett ta' Tisbieħ fi Triq San Ġwann, Bormla quddiem il-Klabb tal-Cospicua Rangers. Il-proġett ser ikun iffinanzjat kollu mill-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura filwaqt li spejjeż professjonali tal-Perit ikun a karigu tal-Kunsill Lokali.

Mozzjoni: Alison Zerafa Civelli

Sekondant: Ivan Agius

1-4-13

Kunsill Lokal Bormla Nru. 7

Seduta tal-Kunsill Nru. 1 (4 ta' April, 2013)

**Mozzjoni Nru. 02-2013 (VII)**

Qed niproponi li l-Kunsill jordna zewg gradilji ġodda għal spralli ta' l-ilma tax-xita li hemm miksura quddiem Blk 8, House 1, Triq il-Gendus, Bormla u quddiem Blk 7, Ronvin, Triq Carmelo Mifsud Bonnici, Bormla.

Mozzjoni: Alison Zerafa Civelli

Sekondant: Ivan Agius

1-4-13.

Kunsill Lokal Bormla Nru. 7

Seduta tal-Kunsill Nru. 1 (4 ta' April, 2013)

**Mozzjoni Nru. 03-2013 (VII)**

Qed niproponi li l-Kunsill jordna x-xogħol ta' żbir ta' siġar fi Triq il-Mitħna u Kwartieri San Nikola.

Mozzjoni: Alison Zerafa Civelli

Sekondant: Ivan Agius